**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 19 ta' April, 2018

Rikors Guramentat numru : 168/17 AL

A B

vs

C D ID: f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha W D; u Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-esponenti kellu relazzjoni intima ta' madwar sena mal-konvenuta, mil-liema relazzjoni twieled il-minuri W D fix-xahar ta' Jannar 2017;

Illi sfortunatament, hekk kif il-partijiet kienu jafu bl-ahbar tat-tqala, l-konvenuta temmet hesrem ir-relazzjoni ta' bejnha u l-

esponenti u zammet lill-esponenti minghajr ebda informazzjoni dwar il-progress tat-tqala u l-eventwali data tat-twelid tal-minuri;

Illi l-konvenuta matul il-gravidanza taghha, ghamlitha cara mal-esponenti sabiex jieqaf jikkomunika maghha u li mhux bi hsiebha taghmlu parti minn hajjet il-minuri wara li jitwieled;

Illi l-konvenuta minkejja li l-esponenti ilu diversi xhur jitlobha jara lil minuri, hija ghazlet li zzommu distanti minnha u mill-minuri u li fil-fatt l-istess esponenti ghadu imcahhad milli jara lill-minuri sal-gurnata tal-lum;

Illi jirrizulta li mic-Certifikat tat-Twelid tal-imsemmi minuri, l-istess minuri gie rregistrat bhala bin 'missier mhux maghruf';

Illi nhar it-tlieta (3) ta' Marzu 2017, l-esponenti pprezenta ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok CD1);

Illi ghalkemm il-konvenuta giet notifikata fit-tlettax (13) ta' Marzu 2017 bl-imsemmija ittra ufficjali numru 24/2017, hija ma wegbitx ghall-istess, prova cara kemm il-konvenuta tibqa' determinata li ccahhad lill-esponenti milli jirrikonoxxi lill-minuri W D bhala ibnu b'dan illi allura necessarjament kellhom jigu istitwiti l-prezenti proceduri;

Illi minhabba li l-konvenuta baqghet tirrifjuta li taghti informazzjoni lill-esponenti dwar il-minuri msemmi inkluz u cioe' lanqas ma tat spjegazzjoni accettabbli ghaliex fl-interess tal-minuri ma kkoperatx ma’ l-esponenti sabiex bonarjament jigi stabbilit jekk kienx il-missier tat-tarbija, f'dan l-istadju, l-esponenti huwa nieqes mid-data preciza u korretta tat-twelid tal-minuri msemmi u sussegwentement lanqas in-numru tac-certifikat tat-twelid tal-istess;

Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' l-esponenti li jinsab frustrat ghall-ahhar illi mindu l-konvenuta gharrfitu li kienu qed jistennew tarbija, sal-gurnata tal-lum u cioe' wara t-twelid tal-istess minuri, intortament huwa ghadu QATT ma ra lill-ibnu l-minuri;

Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru ai termini ta' l-Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex wara illi jsiru t-testijiet xjentifici necessarji, jigi ddikjarat illi l-attur esponenti huwa l-missier bijologiku tal-minuri W D u sabiex issir il-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-imsemmi minuri billi fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier" jithassru l-kliem "unknown father" u minflok jitnizzlu isem u kunjom l-attur A B, imwieled il-Pieta, u dan minbarra kull taghrif iehor talvolta mehtieg mill-konvenut Direttur tar-Regsitru Pubbliku;

Talab ghar-ragunijiet hawn fuq premessi li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi l-attur huwa l-missier tal-minuri W D, u dan anke wara li din l-istess Onorabbli Qorti joghgobha jekk mehtieg, tinnomina periti esperti;

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa d-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tal-minuri W D, fis-sens illi fil-kolonna intestata 'Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier" fejn illum hemm il-kliem "Unknown Father" jitnizzel isem l-attur A B;

3. Tordna illi kunjom il-minuri W jigi registrat bhala "B";

4. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa d-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tal-minuri W u f'kull Att iehor tal-istat civili tal-imsemmija minuri b'dan illi jigi indikat il-kunjom "B" minflok "D".

5. Tordna lill-intimata C D thallas l-ispejjez ta' din il-kawza inkluz wkoll dawk ta' l-ittra ufficjali tat-tlettax (13) ta' Marzu 2017 numru 24/2017 peress illi dawn il-proceduri kellhom isiru b'rizultat tal-inadempjezza taghha ghall-istess ittra ufficjali notifikata lilha fit-30 ta' Marzu 2017;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata C D minn issa stess ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa : fol 13

1. Illi fil-mertu, l-esponenti tistqarr li hi mhijiex edotta mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

2. Illi stante s-suespost, f'dan l-istadju l-esponenti tirrimetti ruħha għar-riżultanzi istruttorji u umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, sabiex jiġi vverifikat jekk l-attur huwiex verament il-missier naturali tal-minuri W D;

3. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqaw it-talbiet dedotti tar-rikorrent minn din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti tistieden lir-rikorrent sabiex permezz ta' nota jipprezenta d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament is-segwenti: (1) In-numru tal-karta tal-Identita', (2) Ismu u kunjomu, (3) L-età tiegħu meta twieled W D, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieled W D, (6) Isem u kunjom ta' missieru u (7) Jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled W D.  Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-minuri W D;

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom ukoll jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri W D u dan a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponenti u kwindi hija m'għandhiex tiġi assoġġettata għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat illi l-konvenuta, minkejja li ġiet debitament notifikata[1], naqset illi tippreżenta r-risposta ġuramentata tagħha, iżda dehret għall-udjenzi miżmuma mill-Qorti; Illi fin-nuqqas tar-risposta ġuramentata tagħha hija tirriżulta kontumaċi, kif ġja ġie ddikjarat fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2018[2].

Rat id-dokumenti kollha esebiti inkluż l-affidavit ta' Dr. Marisa Cassar[3] li miegħu hemm anness ir-rapport xjentifiku tad-DNA minnha stess redatt;

Rat illi l-attur ottempera ruħu mal-provvedimenti tal-Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili[4] u permezz tal-ittra uffiċjali nnumerata erbgħa u għoxrin tas-sena elfejn u sbatax (24/17)[5] huwa nforma lill-konvenuta bil-ħsieb tiegħu li jirrikonoxxi lill-minuri W bħala ibnu.

Semgħet ix-xiehda tal-attur[6].

---

[1] Fil-25 t'Awwissu 2017, riferta fol. 10

[2] Fol. 24 tal-proċess.

[3] Fol. 17 bir-rapport xjentifiku anness miegħu

[4] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

[5] Kopja legali tinsab esebita fol. 6

[6] Seduta tat-22 ta' Frar 2018, fol. 25

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur jitlob illi huwa jiġi magħruf bħala l-missier naturali tal-minuri W imwieled lill-konvenuta C D, f'data illi sal-preżentata tal-proċeduri odjerni, huwa ma kienx jaf x'inhi, iżda li sussegwentement irriżulta illi kienet it-12 ta' Jannar 2017.[7] Sal-lum, dan il-minuri huwa ddikjarat bħala iben missier mhux magħruf u jġorr il-kunjom tal-omm, ossia D.

Il-konvenuta ippreżentat rikors fit-13 ta' Marzu 2018, fejn hija tittenta tintegra ruħha f'dawn il-proċeduri, stante illi hija ssostni li l-ħtija tal-kontumaċja tagħha m'hijiex tagħha iżda tal-konsulenti legali preċedenti tagħha. Hija inoltre ssostni li m'għandha l-ebda ħsieb li ċċaħħad lir-rikorrenti milli jirrikonoxxi lill-minuri W D bħala ibnu. Tant hija xtaqet illi r-rikorrent jipparteċipa sa mill-bidu nett tat-tqala tagħha, illi hija tat f'idejn l-attur, l-oriġinal tal-ewwel ultrasound tal-gravidanza tagħha. Tinsisti li kien l-attur li qatt ma wera interess fit-tarbija tagħhom sa mill-bidu nett.

<u>Dwar il-kontumaċja tal-intimata</u>

Permezz tat-tieni talba tal-intimata, kif dedotta fir-rikors tagħha ippreżentat fit-13 ta' Marzu 2018, hija titlob illi tintegra ruħha f'dawn il-proċeduri għaliex hija ma taħti assolutament xejn għall-kontumaċja li sabet ruħha fiha tort tal-ħtija ta' terzi persuni. Dan għaliex hija uriet interess kbir bil-provi sa mill-bidu nett ta' dawn il-proċeduri u dan l-interess intwera mhux biss bil-preżenza tagħha quddiem din l-Onorabbli Qorti imma anke wkoll bl-offerti tagħha li għamlet lil attur. Tispjega illi kien in-

[7] Id-data tat-twelid tirriżulta mir-rapport tad-DNA, fol. 19

nuqqas tal-konsulenti legali tagħha li ma wieġbux sija għar-rikors ġuramentat kif ukoll għall-ittra ġudizzjarja lilha mibgħuta.

Illi fil-fehma tal-Qorti, din il-verżjoni tal-intimata hija tassew inverosimili, fl-ewwel lok, għaliex hija naqset illi tipprovdi xi prova in sostenn tal-allegazzjoni tagħha bħalma hija xi riċevuta ta' pagament relattiv għal risposta ġuramentata jew prova oħra. Fit-tieni lok, il-Qorti tirrileva illi f'Marzu 2017, meta rċeviet l-ittra ġudizzjarja, l-intimata kienet qed tiġi patroċinata minn avukat, filwaqt illi f'Awwissu 2017, meta rċeviet ir-rikors ġuramentat kienet qed tiġi patroċinata minn avukat ieħor. Illi li avukat wieħed ikun negliġenti, huwa possibbli. F'għajnejn il-Qorti, li żewġ avukati differenti fl-istess każ ikunu negliġenti, hija kemmxejn improbabbli, partikolarment meta kull avukat jaf tajjeb l-import tan-nuqqas tar-risposta ġuramentata, u wkoll meta ż-żewġ avukati in kwistjoni, il-Qorti taf tajjeb li dawna t-tnejn għandhom esperjenza kbira u rekord tajjeb ta' diliġenza u rispett kbir fil-konfront ta' din il-Qorti.

Għaldaqstant il-Qorti ma temminx li hija ħtija ta' dawn l-avukati li l-intimata baqgħet kontumaċi, u inoltre tħoss li huwa nġust fil-konfront tagħhom li tittenta tħammeġ ir-reputazzjoni tagħhom b'dan il-mod.

Illi dwar il-preżenza tal-intimata fl-awla għall-udjenzi, dan huwa dejjem desiderabbli, iżda m'huwiex biżżejjed sabiex jiġġustifika il-kontumaċja. Kif intqal fil-kawża fl-ismijiet Noel Calleja et. vs. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited[8], liema kawża sħarrġet sewwa l-istitut tal-kontumaċja u kif dan evolva matul iż-żmien, il-Qorti saħqet illi "Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li ġustifikazzjoni merament bażata fuq il-preżenza tal-parti mħarrka fl-ewwel appuntament tal-kawża m'huwiex biżżejjed bħala turija li ma hemmx dispett jew kontumaċja lejn l-awtorita` ġudizzjarja. Dik il-preżenza tal-imħarrek – fatt fih innifsu pożittiv – hija inveċe meħtieġa bħala parti mill-indaġini li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawża ġusta" jew le."

[8] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Jannar 2005, (APPell Ċivili: 126/2003/1)

Fil-fehma tal-Qorti, ir-raġuni mogħtija mill-intimata għan-nuqqas tagħha li tippreżenta risposta ġuramentata, ma tikkostitwixxix "kawża ġusta" kif mifhum mill-ġjurispridenza tagħna fosthom is-sentenza tal-Qorti tal-Appell hawnhekk iċċitata. Illi għalhekk, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba tal-intimata, kif dedotta fir-rikors tagħha tat-13 ta' Marzu 2018, u tikkonfermaha kontumaċi f'dawn il-proċeduri.

Dwar il-mertu

Illi l-Qorti dejjem irritjeniet li l-aqwa prova f'kawżi bħal din huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi, li fil-każ odjern, ikkonfermaw li l-attur huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri W. Illi l-Qorti tista' tiddependi fuq il-provi ġenetiċi mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-intimata possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-attur, fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri W.

Fil-każ odjern, jirriżulta mill-istess testijiet ġenetiċi illi effettivament il-minuri W D huwa l-wild naturali u bijoloġiku tal-attur A B. It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jelimina kull dubju dwar il- paternita' tal-minuri. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li W D huwa l-wild naturali tal-attur A B. Fil-fatt, l-esperta Dr. Marisa Cassar ikkonfermat illi *"Mit-testijiet li għamilt irriżulta illi A B ID No. 453582M hu l-missier naturali ta' W D D.O.B. 12.01.2017."* Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet tal-attur.

Rat illi d-dettalji tal-attur A B kif mitluba mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku huma s-segwenti[9]:

1) Isem u kunjom: A B

[9] Dawna jirriżultaw mix-xhieda tal-attur mogħtija quddiem il-Qorti nhar il-Ħamis 22 ta' Frar 2018, fol. 25.

2) Id-dokument tal-identita`: 453582(M)[10]
3) L-eta` tiegħu meta twieled il-minuri: 35 sena
4) Il-post tat-twelid ta’ A B: Pieta`, Malta
5) Il-post tar-residenza tiegħu meta twieled il-minuri: Paola (Raħal Ġdid)
6) Isem u kunjom missieru: M B
7) Jekk il-missier patern kienx ħaj jew mejjet meta twieled il-minuri: Ħaj

DWAR KUNJOM IL-MINURI

L-attur jixtieq illi l-minuri ikun magħruf bil-kunjom B minflok bil-kunjom D. L-intimata C D hija tal-fehma li l-minuri ikun magħruf bħala “D B”. Hija ressqet talba f’dan is-sens fir-rikors tagħha tat-13 ta’ Marzu 2018.

Illi dwar il-kunjom tal-minuri, il-Qorti tirreferi għall-Artikolu relattiv fil-Kodiċi Ċivili[11] illi jistipula:

***92.*** *(1) Tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ, jekk ikun ġie magħruf b’ibnu mill-missier, jieħu l-kunjom tal-missier, li miegħu jista’ jżid kunjom l-omm, diversament, jieħu kunjom l-omm:*

*-omissis-*

*Iżda wkoll, jekk ir-rikonoxximent jintalab li jsir permezz ta’ talba ġudizzjarja quddiem il-Qorti kompetenti wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan il-proviso, it-talba opportuna sabiex wara kunjom il-missier jiġi miżjud kunjom l-omm għandha ssir lill-Qorti f’kull ħin qabel il-pronunzjament tas-sentenza. Fin-nuqqas ta’ dik it-talba t-tifel jieħu kunjom il-missier:*

Illi in vista tal-kontumaċja tal-intimata, u tenut kont li fi kwalunkwe każ it-talba tagħha, ġja miċħuda[12], kienet illi l-minuri

[10] Kopja tal-karta tal-identita` tinsab esebita fol. 21

[11] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta

jassumi l-kunjom D B, li m'hijex għażla proposta mil-liġi appena ċċitata, hija fehma tal-Qorti illi l-minuri jkun magħruf bil-kunjom tal-missier ossia "B".

DWAR IL-KAP TAL-ISPEJJEŻ

Permezz tar-raba' talba tal-intimata kif dedotta fir-rikors tagħha ippreżentat fit-13 ta' Marzu 2018, hija titlob illi l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jinqasmu bejn il-partijiet.

Illi kif diġa ntqal, jirriżulta li qabel ma ntavola dawn il-proċeduri, l-attur kien ippreżenta ittra uffiċjali fil-konfront tal-konvenuta fejn kien infurmaha bl-intendiment tiegħu li jirrikonoxxi lil W bħala ibnu. Din l-ittra ġiet debitament notifikata[13] lill-konvenuta, li min-naħa tagħha għażlet illi ma tweġibhiex.

Illi inoltre, qabel l-imsemmija ittra ġudizzjarja, l-attur kien bagħat iktar minn ittra waħda lill-attriċi fejn talabha informazzjoni dwar ibnu, u fl-ittra tat-30 ta' Jannar 2017 kien talabha tinfurmah jekk kinitx ser taċċetta illi huwa l-missier. L-attriċi rrispondiet billi talbitu "proposti dwar il-filjazzjoni". Illi fil-fehma tal-Qorti, dwar il-filjazzjoni m'hemmx lok ta' ftehim u proposti. Il-filjazzjoni hija stat ta' fatt li tista' tiġi aċċertata bit-testijiet ġenetiċi. Jekk l-attriċi, qua l-omm, kellha d-dubji dwar min seta' kien missier it-tarbija, setgħet titolbu li jsiru t-testijiet relattivi u b'hekk jiġi eliminat kull dubju. Fil-fatt, il-Qorti tinnota li hija ddikjarat għall-ewwel darba[14] li ma tridx iċċaħħad lill-attur milli jirrikonoxxi lil ibnu, f'Marzu 2018 u cioe meta hija kellha ċ-ċertezza dwar il-paternita` tal-minuri, għax kien laħaq sar it-test tad-DNA.

Illi ġjaladarba l-attriċi stess, qua l-omm, kellha d-dubju dwar il-paternita` tat-tifel, u ġjaladarba hija għażlet li ma tweġibx l-ittra

---

[12] Digriet tal-5 t'April 2018

[13] Fl-10 ta' Marzu 2017

[14] Fl-ewwel udjenza tat-23 ta' Novembru 2017, fol. 16, hija kienet għadha qed issostni illi l-missier naturali ma jistħoqqlux li jiġi rikonoxxut bħala tali.

ġudizzjarja biex setgħet tkun evitata din il-kawża, għandha tkun il-konvenuta C D illi tbati l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni, inkluż tat-testijiet ġenetiċi illi saru fuq ordni tal-Qorti.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u konsegwentement tiddikjara illi l-minuri W imwieled fit-12 ta' Jannar 2017 minn C D, huwa l-iben naturali tal-attur A B, detentur tal-karta tal-identita` 453582(M).

2. Tilqa' t-tieni talba attriċi u konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid relattiv għall-minuri W, huwa jikkanċella l-kliem 'unknown father' u minflok jitniżżlu l-isem, il-kunjom u l-konnotati kollha tal-attur A B, kif jirriżultaw aktar 'il quddiem f'din is-sentenza;

3. Tilqa' t-tielet talba attriċi u tordna illi l-minuri jsir magħruf bil-kunjom B. Għaldaqstant tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku iniżżel annotazzjoni ta' din id-deċiżjoni fuq l-att tat-twelid tal-minuri.

4. Tilqa' ir-raba' talba;

5. Tilqa' il-ħames talba, billi tordna lill-intimata C D tħallas l-ispejjeż tal-preżenti, inkluż tat-testijiet ġenetiċi redatti minn Dr. Marisa Cassar u esebiti f'din il-kawża, u wkoll l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi, innumerata 24/2017.